MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2006

Numru 5745/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Dennis Mackay sive Mc Kay u**
**Gordon Dimech**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors presentat mill-Avukat Generali l-bierah 13 ta' Marzu 2006 li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tad-9 ta' Marzu 2006 permezz ta' liema digriet l-intimati Dennis Mackay sive Mc Kay u Gordon Dimech inghataw il-helsien mill-arrest taht certi kundizzjonijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet – l-Avukat tar-Repubbklika Anzjan Dott. Mark Said ghall-Avukat Generali u l-Avukati Dott. Josè Herrera u Dott. Roberto Montalto – ghall-intimati; semghet ukoll bil-gurament lill-Ispettur tal-Pulizija Jeffrey Cilia;

Rat l-attijiet ta’ l-istruttorja, limitatament ghall-fini tat-talba maghmula mill-Avukat Generali (cioè talba taht l-Artikolu 574A(9) tal-Kap. 9);

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz relattivi ghat-talba odjerna; ikkunsidrat:

Ir-reat li bih l-imputati intimati huma akkuzati – dak ta’ traffiku fil-persuni biex dawn jiddahlu jew jinhargu minn Malta illegalment – huwa reat ta’ certa serjetà, u l-kundizzjonijiet imposti mill-ewwel Qorti ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest (fol. 13 ta’ l-attijiet ta’ l-istruttorja) fil-fehma ta’ din il-Qorti ma jirriflettux din il-gravità. Minbarra dan, fil-ghoti tad-digriet taghha tad-9 ta’ Marzu 2006 l-ewwel Qorti ma jidhirx li qieset sew ic-cirkostanza li l-provi ghadhom ma bdewx jinstemghu. Huwa veru, kif tajjeb osserva Dott. Roberto Montalto, li l-kaz allegatament jirrisali ghall-21 ta’ Dicembru 2005, però, kif fisser l-Ispettur Cilia fid-deposizzjoni tieghu, il-pulizija saret taf bl-allegat involviment tal-intimati ftit ta’ jiem ilu biss meta kienet qed tinvestiga kaz iehor. Din il-Qorti rat ukoll il-fedini penali ta’ l-intimati li juru, fil-kaz tat-tnejn li huma, karattru refrattarju. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u specjalment tal-fatt li ghadhom ma bdewx jinstemghu il-provi tal-prosekuzzjoni – jew ghall-anqas dawk il-provi li l-Ispettur Cilia sejhilhom “vitali” – din il-Qorti hi tal-fehma li f’dana l-istadju l-ewwel Qorti ma kellhiex takkorda l-helsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet imposti, kundizzjonijiet li, f’dana l-istadju, ma jistax jinghad li jxejjnu l-perikolu ta’ intralc da parti ta’ l-intimati mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja fir-rigward tal-proceduri mibdija fil-konfront taghhom. Ghalhekk, hemm lok li t-talba ta’ l-Avukat Generali tigi akkolta.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali, u filwaqt li tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)

bhala Qorti Istruttorja tad-9 ta’ Marzu 2006, tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-intimati Dennis Mackay sive Mc Kay u Gordon Dimech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------